StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Ro

**IT-TIENI SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ________________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 7 | 24 | 6 | 6 | 6 | 15 | 16 | 20 | 100 |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# Wasalna b'ta' Fuqna Senduqna



Din il-ġrajja hija rrakkuntata minn Anastasia, omm ta' tletin sena mill-Kongo. Din l-omm u l-familja tagħha kellhom jaħarbu minn darhom biex ifittxu kenn f'kamp għal nies maħruba. (*par. 1*)

''Il-ġlied beda qrib darna f'nofs ta' lejl. Xi nies inqabdu fil-qalba tal-ġlied. Rajthom imutu. Kont naf li kellna naħarbu li ma mmorrux aħna wkoll immutu magħhom. Dan kollu għallinqas ġara billejl meta konna lkoll reqdin id-dar u għalhekk konna fl-istess post u stajna nitilqu flimkien, jien, ir-raġel u l-erbat itfal. (*par. 2*)

Ma kellniex ħin x'nitilfu biex niġbru xi ħaġa għal magħna għaliex sibna ħabta u sabta li l-gwerra kienet se tibda mill-ġdid. Ġrejna l-lejl kollu fid-dlam għal ħin twil. It-triq kienet ħażina. Batejna sakemm wasalna sal-kamp li jinsab 'il bogħod mir-raħal tagħna. Fil-fatt imxejna għoxrin kilometru. (*par. 3*)

Wasalna b'ta' fuqna senduqna. Bħalissa qegħdin norqdu barra. Nieżla xita qliel. Għaddejjin minn żmien iebes ħafna għaliex m'għandniex x'nieklu. (*par. 4*)

Qalulna li xi ħallelin daħlu f'darna fejn konna noqogħdu qabel u serqu kulma kellna, saħansitra l-magna tal-ħjata li fuqha kont inħit. Issa kollox tar mar-riħ. (*par. 5*)

Inħossni għajjejt. Nixtieq li tinstab il-paċi għaliex din tiġi l-ewwel u qabel kollox.'' (*par. 6*)

Hekk spiċċat tgħid ġrajjietha Anastasia. Min jaf kemm jidħlu immigranti fostna bi stejjer bħal tagħha. Huma wkoll jixtiequ jsibu min jurihom ħniena. Huma wkoll jixtiequ l-paċi. (*par. 7*)

(Addattament minn **RM 2000 Lil Ħbiebna** – 10 ta' Frar, 2009)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

**1.** Fejn kellhom ifittxu l-kenn l-omm u l-familja tagħha?

____________________________________________ (1)

2. Għaliex kellhom jaħarbu minn darhom?

____________________________________________

____________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Għaliex batew sakemm waslu l-kamp?

______________________________________________

______________________________________________

4. Agħti raġuni waħda għaliex l-omm qalet li kienu għaddejjin minn żmien iebes.

______________________________________________

______________________________________________ (1)

5. Għaliex kollox kien tar mar-riħ?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

6. L-omm, xi tqis bħala l-aktar ħaġa importanti għall-ħajja?

______________________________________________ (1)

7. Semmi xewqa waħda li jkollhom l-immigranti li jiġu fostna.

______________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (24 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

8. *Rajthom imutu*. (*par. 2*) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom ***hom*** fil-kelma *rajt**hom***?

______________________________________________ (1)

9. Mit-tielet paragrafu ikteb il-frażi li turi li ma kellhomx ċans jaħsbu f'dak li setgħu jieħdu magħhom.

______________________________________________ (1)

10. *Għaddejjin minn żmien iebes ħafna għaliex m'għandniex x'nieklu.* (*par. 4*) Liema hija l-kelma li qiegħda tgħaqqad l-ewwel parti mat-tieni parti tas-sentenza? ______________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

11. Sib mis-silta l-kelma/frażi li tfisser:

a) f'daqqa waħda (*par. 3*) ______________________________ (1)

b) b'dak li kellna fuqna (*par. 4*) ______________________________ (1)

12. Fisser il-kliem meħud mis-silta.

a) qrib (*par. 2*) ____________________ (1)

b) qliel (*par. 4*) ____________________ (1)

13. *tar mar-riħ* (*par. 5*) tfisser:

ħadu r-riħ ____________ imħabbel ____________ spiċċa kollox ____________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

14. Kompli din is-sentenza tar-raba' paragrafu.

M'għandniex x'nieklu u ______________________________________________________________

______________________________________________________________(1)

### (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA (15-il marka)

Wieġeb skont kif mitlub/a wara li taqra s-silta.

Kelli familja numeruża. Rabbejthom u tajthom l-edukazzjoni li kellhom bżonn. Issa huma wkoll għandhom il-familja tagħhom. Imma nħossni mweġġgħa u ddiżappuntata għax qed niġi mwarrba mit-tfal. (*par. 1*)

Mhux qed ngħid li aħna miġġildin. Imma jiġu jarawni kull tliet xhur jew aktar. U lanqas biss iċempluli, avolja kollha bit-telefown u l-mowbajls. Minħabba f'hekk qed insofri ħafna mis-solitudni. Tgħid qed niffissa jien jew qegħdin jonqsuni huma? (*par. 2*)

(Silta meħuda minn *Oħroġ Il-Għerf – Grammatika Bil-Livelli – 2*)

| | | |
|---|---|---|
| 15. | a) Aqleb fil-plural: *familja numeruża* - ________________________________<br>b) Ikteb l-ittra li turi l-plural fin-nom *mowbajls*. _____ | (1)<br>(1) |
| 16. | Aqleb fl-istat kostrutt il-kliem b'tipa skura: **L-ulied tal-armla** rari kienu jmorru jarawha. ____________________________ | (1) |
| 17. | a) Immarka l-pronom mehmuż mal-verbi. - Rabbejthom u tajthom l-edukazzjoni.<br>b) Immarka l-pronom personali. - Tgħid qed niffissa jien? | (2)<br>(1) |
| 18. | a) Agħti l-mamma u l-għerq tal-verb: *jonqsuni* - _____________ _____________<br>b) Nissel nom mill-għerq fil-parentesi.<br>Il-mara tat ________________ (r - b - j) tajba lil uliedha. | (2)<br><br>(1) |
| 19. | a) Oħroġ il-parteċipju passiv min-nom fil-parentesi.<br>Tridu tkunu _______________ (edukazzjoni) kull fejn tersqu.<br>b) Oħroġ nom mill-verb *niffissa*. ________________ | <br>(1)<br>(1) |
| 20. | Mill-ewwel paragrafu ikteb: a) verb trux - ______________________<br>b) verb kompost - __________________ | (1)<br>(1) |
| 21. | a) Nissel aġġettiv fil-maskil minn: *bżonn* - __________________<br>b) Agħti s-superlattiv minn: *naqas* - _______________________ | (1)<br>(1) |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI

**Qwiel – Xiri u Negozju**

1. Irranġa l-qwiel u agħti t-tifsira tagħhom.

a)

jinten jixtri l-ħut dak fil-baħar jieklu li

______________________________________________ (1)

Tifsira - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

b)

irid min jixtri imaqdar

______________________________________________ (1)

Tifsira - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

**Idjomi – Persuni u Familjari**

2. Ikteb l-idjoma li tfisser:

Meta ma nstema' xejn iżjed fuq xi ħaġa = Xi ħaġa li ____________________ (2)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Bħala segretarju/a tal-Għaqda **Żgħażagħ Ferħana** agħti sitt struzzjonijiet lill-membri x'għandhom jagħmlu u x'għandhom iġibu għall-Kamp tas-sajf li se torganizza din l-Għaqda. (Ikteb l-istruzzjonijiet fil-forma ta' sentenzi fl-ispazju pprovdut.)

| | |
|---|---|
| 1. | |
| 2. | |
| 3. | |
| 4. | |
| 5. | |
| 6. | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA**

F'madwar sittin kelma ikteb dwar xi persunaġġ li fittixt dwaru din is-sena.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**F. (i) LETTERATURA - NADRIET 2** (15-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A.** **Ballata** ta' Rużar Briffa

Kull fl-għaxija xħin id-dalma
tifrex tulha u l-ħajja tnin,
minn ġo knisja mwarrba, siekta,
jidwi leħen. Ilu s-snin



1. Il-poeżija *Ballata* hija poeżija (tradizzjonali, moderna, kontemporanja) ________________________. (1)

2. L-istrofi ta' erba' versi jissejħu (terzini, kwartini, kwintini) ________________________. (1)

3. Ikteb iż-żewġ kelmiet li jirrimaw.
_________ _________ (2)

4. Ikteb personifikazzjoni waħda mis-silta.
______________________________________________ (1)

5. F'madwar għoxrin kelma ikteb il-ġrajja li hija rrakkuntata f'*Ballata* . (5)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## B. Aktar Nadriet Poetiċi

| |
|---|
| *Fil-Menqa* ta' Ġorġ Peresso, *Sjesta Maltija* ta' Kilin, *Ġunju* ta' Dun Karm, *Marsaxlokk* Charles Flores, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* ta' Rena Balzan |

Agħżel poeżija **waħda** mil-lista u f'madwar għoxrin kelma ikteb il-ħsieb tagħha.

(5)

| | |
|---|---|
| **F.** (ii) **LETTERATURA - PROŻA** | (16-il marka) |

Wieġeb **A** u **B**

**A. Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (6 marki)

| |
|---|
| Nies Bla Sabar, Franswa`, Pina |

Agħżel **waħda** u f'madwar sittin kelma ikteb il-ġrajja ta' karattru li niltaqgħu miegħu/magħha fin-novella.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B**. **Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra (1

Agħżel **waħda** u wieġeb f'madwar mitt kelma.

1. Irrakkonta l-esperjenza li kellu Leli meta qatta' xi ħin fil-presepju mal-pasturi.

**JEW**

2. Ikteb dwar l-ewwel laqgħa ta' Leli ma' Betti fil-wied.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 200 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Deskrizzjoni ta' post għal qalbek fid-dar tiegħek.
2. Tmiem il-ġimgħa ma' tal-familja.
3. Iddeskrivi dak li rajt meta mort mixja ħdejn il-baħar fi nżul ix-xemx.
4. Mit-tieqa ta' kamarti.
5. L-Għaqda fejn jiena nattendi tippreparani għall-futur.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers